MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru 1321/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Jeffrey Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Jeffrey Cassar,** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Emanuel u Natalie neé Bugeja, imwieled Pieta` nhar l-24 ta' Mejju 1984, residenti fil-fond numru 58, 'Pandora', Triq il-Bufula l-Hamra, Mosta, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 258584(M) li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer:

(a) nhar is-26 ta' Novembru 2012, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) preseduta mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit LLD nhar il-15 ta’ Ottubru, 2012, f’dan illi naqqas milli jattendi ghal Qorti meta hekk kien ordnat illi jaghmel kontra l-ordni imposta f’dan id-digriet u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(c) U aktar talli kiser ordni ta’ probation mahruga mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema ordni ghadha fis-sehh.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Jeffrey Cassar, u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: <u>fuq naha wahda</u>, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u, <u>fuq in-naha l-ohra</u>, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur ma nsistiex ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f’dawn il-proceduri, l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija u dak li wassal lill-imputat jikkommetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, u dana stante dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tallum rigward tali imputazzjoni, wara li rat Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tal-imputat bis-segwenti mod:

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni tikkundannah multa ta' hames mitt Euro ( 500.00);

- fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni taghzel li ma tittrattax ma' l-imputat ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' *probation.*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti **m'hijiex** ser tordna illi s-somma ta' depozitu ta' hames mitt Euro (€ 500.00) u garanzija personali ta' ghaxart'elef Euro (€ 10000.00) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u **m'hijiex** ser tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat, izda tordna lill-imputat sabiex josserva skruplozament il-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------